2 ta' Marzu, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Giuseppa Farrugia et. *versus* Giuseppe Farrugia

## Kjamata fil-Kawża

***Il-ġurisprudenza prevalenti f'materja ta' kjamata fil-kawża hija li dan il-provvediment għandu jiġi ammess meta l-interess tal-persuna li trid tiġi msejħa fil-kawża juri ruħu fil-kors tal-kawża, u mhux ukoll meta dan l-interess kien jippre-eżisti mill-bidu. Meta l-interess ta' persuna li tkun preżenti f'ġudizzju kien jeżisti sa minn qabel ma ġiet istitwita l-kawża, u għalhekk dik il-persuna messha ġiet imdaħħla fil-kawża mill-bidu, il-kjamata fil-kawża ta' dik il-persuna ma tistax tiġi ammessa.***

Il-Qorti; — Rat ir-rikors tal-atturi tal-14 ta' Novembru 1955, preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għas-sejħa fil-kawża tal-komproprjetarji l-oħra fuq l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-att taċ-ċitazzjoni mogħtija mill-konvenut;

Rat id-digriet mogħti minn dik il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 1955, li bih ġiet miċħuda t-talba għall-kjamata fil-kawża, u ġie ordnat lill-attriċi u żewġha nomine jħarrkuhom bħala xhieda sabiex jiġi aċċertat dana l-kunsens, u dana nonostanti li ma ġewx dikjarati; għaliex. jekk b'hekk jistgħu jiġu evitati l-ispejjeż u l-ġudizzju jista' jkompli miexi, l-inkonvenjent jiġi riparat bla ħsara, salvi l-ispejjeż tal-eċċezzjoni; wara li kkunsidrat;

Illi mill-att promotorju tal-ġudizzju jidher li l-attriċi, u żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, qegħedha titlob (1) is-segregazzjoni tal-fond numru 30, Trieq San Nikola, Siġġiewi, mill-fond numru 31 fl-istess trieq u raħal, allegat okkupat arbitrarjament mill-konvenut, li huwa wkoll komunista magħha fl-istess ħwejjeġ immobili; (2) l-iżgumbrament minn dak l-istess fond, l-għaliex il konvenut biddel id-destinazzjoni tiegħu; (3) u, għall-istess kawżali, id-danni. Dawn id-domandi jingħad li huma, l-ewwel waħda pratikament u ġudizzjarjament kompriża fl-iżgumbrament, u t-tielet waħda derivattiva mill-istess kawżali tat-tieni waħda, li hija fil-fatt id-domanda prinċipali tal-kawża promossa;

Illi mhux kontestat li, oltre l-attriċi u l-konvenut, il-fond "de quo" jappartjeni in komproprjetà lill-persuni li l-lum l-attriċi, fuq oppożizzjoni tal-konvenut, qegħedha titlob li tikkjama in kawża;

Illi l-ġurisprudenza prevalenti "in subjecta materia" hija li l-kjamata in kawża għandha tiġi ammessa meta l-interess tal persuna li trid tiġi msejħa juri ruħu fil-kors tat-trattazzjoni, u mhux meta dak l-interess kien jippre-eżisti mill-bidu (ara Appell 30 ta' Ottubru, 1950, "Strocco vs. Contini"; Prim'Awla Ċivili, 8 ta' Lulju, 1901, "Bonavia vs. Ross"; Appell 7 ta' Ġunju 1918, "Attard vs. Naudi"; Appell Ċivili Inferjuri 30 ta' Marzu 1936, "Galea vs. Frendo; Appell 14 ta' Jannar 1938, "Captur vs. Dr. Felice"; Prim'Awla Ċivili 28 ta' Frar 1938," Zammit vs. Debattista"; u argument riprodott f'sentenza fuq kawża identika għall-preżenti, tal-Prim'Awla Ċivili 27 ta' Ġunju 1946, "Zammit vs. Agius", Vol. XXXII-II-402, u in parti p. 404; u ħafna oħra);

Illi l-interess li jistgħu u seta' jkollhom il-persuni li l-atturi jridu jikkjamaw in kawża ma nqalax "pendente lite", imma kien ġa' u seta' ġa jeżisti qabel l-att promotorju tal-ġudizzju; u dana l-interess, jekk jeżisti fihom, ma jistax jingħad li mhux qawwi u prinċipali bħal ma huwa dak li hu l-miżura tal-azzjonijiet ġudizzjarji;

Illi f'każ analogu fuq ċitat (Vol. XXXII-II-402) il-Qorti

eżiġiet il-prova tal-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra, u qalet li ma kienx il-każ li jiġu kjamati in kawża;

Rat ir-rikors tal-atturi quddiem din il-Qorti, fejn talbu li l-imsemmi digriet jiġi revokat, u li tiġi milqugħa t-talba tagħhom għall-kjamata fil-kawża tal-persuni fl-istess rikors indikati; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti, fl-imsemmi rikors tagħhom tal-14 ta' Novembru 1955, bdew biex esponew li "f'dina l-kawża, oltre l-konvenut, huma nteressati bħala komproprjetarji dawn il-persuni: Antonio Aquilina, Carmela mart Antonio Buhagiar, Rosa mart l-assenti Nicola Aquilina bħala mandatarja tiegħu, u Giuseppe Aquilina; li l-interessat prinċipali f'din il-kawża kien u għadu l-konvenut, għaliex kien huwa li okkupa l-ħanut in kwistjoni; u għalhekk, biex jiġi ntegrat il-ġudizzju, xejn ma josta għall-kjamata in kawża tal-konvenuti l-oħra"; u għaldaqstant talbu li l-persuni fuq imsemmijin jiġu msejħin fil-kawża;

Illi, kif jidher mill-espożittiva tal-imsemmi rikors, l-appellanti jirrikonoxxu li, biex il-ġudizzju jkun integru, hija neċessarja l-preżenza tal-komproprjetarji l-oħra, li tagħhom talbu l-kjamata in kawża. Dawk il-komproprjetarji kienu evidentement magħrufin lill-appellanti qabel ma istitwew il-preżenti ġudizzju, u għalhekk messhom ġew ċitati millbidu; u ma tistax tiġi ammessa l-kjamata in kawża tagħhom f'dan l-istadju tal-kawża. Infatti, kif ġie sewwa affermat fiddigriet appellat, il-ġurisprudenza prevalenti hija favorevoli għall-kjamata in kawża ta' persuna meta l-interess tagħha li tkun preżenti jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u mhux meta dak l-interess ikun pre-eżistenti għall-kawża, u għalhekk dik il-persuna tkun messha ġiet imdaħħla filkawża mill-bidu. F'dan l-aħħar każ il-kjamata in kawża ma tistax tiġi ammessa;

Dan il-prinċipju ġie segwit mhux biss fis-sentenzi msemmijin fid-digriet appellat, iżda anki f'sentenzi oħra

(Vol. XXXI-II-144; Vol. XXXIII-II-391; Vol. XXXIV-II-522; u Vol. XXXIV-II-889, f'din l-aħħar waħda "a contrario sensu"). *U dina l-Qorti*, f'sentenza oħra (Vol. XXVIII-I-168) qalet *testwalment* li *ma* tistax tiġi akkordata l-kjamata in causa "di chi avrebbe dovuto formarne parte in sin dall' inizio";

In bażi għal dak li ntqal fuq, l-appell ma jistax jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma d-digriet appellat; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

---